# DUN XAND CORTIS FUNDATUR TAL-PARROĊĊA TAGĦNA



Dun Xand Cortis twieled nhar il-11 ta' Jannar 1856 minn Giovanni u Klemenzja nee' Muscat. Huwa tgħammed l-għada 12 ta' Jannar 1856 ġol-Parroċċa ta' Ħad-Dingli minn Dun Andrea Mallia. Xandru kien tifel kalm, edukat, samrani, la twil u lanqas qasir u daqsxejn imbaċċaċ.
Meta kien tifel huwa attenda l-iskola tal-Gvern, tas-Seminarju u wara kompla jistudja l-Universita'. Meta beda jikber huwa ddeċieda li jsir Qassis il-ġurnata kien jgħaddiha billi filgħodu kien jgħin lil missieru fix-xogħol tar-raba' u filgħaxija kien imur minn Ħad-Dingli sar Rabat sabiex jitgħallem it-Taljan u l-Latin. Ta' 19-il sena huwa daħal fil-Kulleġġ ta' San Tumas tad-Dumnikani tar-Rabat fejn hemmhekk studja il-Filosofija, it-Teoloġija u l-eżami ta' l-aħħar. Huwa sar Qassis fis-17 ta' Diċembru 1881. Ħames snin wara l-familja tiegħu niżlet toqgħod Ħal Balzan. Hawnhekk huwa mill-ewwl ħa nteress fil-ħajja Parrokkjali ta' Ħal Balzan fejn l-istess żmien kien Kappillan tal-Konservatorju Bugeja ta' Santa Venera.
Meta l-Ġiżwiti telqu minn idejhom l-Knisja li llum hi magħrufa bħala l-Knisja l-qadima ta' Santa Venera, l-Isqof ta' dak iż-żmien Mons. Pietru Pace nnomina lil Dun Xand bħala rettur tal-Knisja ta' Santa Venera. Fit-30 ta' Lulju 1912 l-istess Knisja ingħatat f'idejn il-Karmelitani sabiex wara sforzi kbar minn naħa ta' Dun Xand, nhar il-11 ta' Marzu 1913 b'digriet ta' l-Isqof Mons. Pietru Pace qata' mill-Arċimatriċi ta' Santa Liena ta' Birkirkara u għamel Viċi-Parroċċa lil Santa Venera. Sakemm miet huwa kien jgħix fi Triq Braille (kif inhi magħrufa llum), triq mhux bogħod mill-Knisja ta' Sta. Venera. F'Santa Venera huwa għallem lis-Seminaristi l-lingwa u fl-1901 l-marda tad-Dijabete bdiet tkiddu. Huwa kien iħobb ħafna l-kampanja u wara nofs-in-nhar kont tarah ma' Patri Spiridione Vassallo O. Carm. imorru passiġġata lejn l-Imrieħel, jgħaddu minn taħt l-arkata l-baxxa, imorru lejn l-istazzjon fejn illum hemm il-venda u jerġgħu jduru lura lejn Santa Venera. Fl-1909, 1913 - 1914 reġa' beda jmur għall-ħażin sakemm sentejn wara waqt is-soltu passiġġata xħin waslu taħt l-arkata l-baxxa tah attakk u talab l-għajnuna ta' Patri Spir. Wara li mexa għaxar passi sabiex isibu l-karrozzin, ma felaħx iżjed, poġġa mal-ħajt, ħmar għall-bidu, sfar u ntilef għal kollox. Inzerta kien għaddej suldat Malti u talbu l-għajnuna. Dan mar għat-tabib pero wara li Patri Spir tah darbtejn l-assoluzjoni, Dun Xand Cortis miet. Il-quddiesa tal-mewt saret is-Sibt 19 ta' Frar 1916 ġewwa l-Knisja ta' San Pawl Valletta u wara saritlu d-difna fiċ-Ċimiterju ta' Sidtna Marija Addolorata. Ħidmietu b'risq din il-Parroċċa ta' Santa Venera qatt ma waqqafa u dan għandu jiġi ferm apprezzat mill-Vendriżi kollha, sa anke meta Santa Venera saret Parroċċa kienet parti minn ħidmietu avolja saret wara mewtu.

Kitba: Chris Falzon

# REV. P. ĠWANN AZZOPARDI O. CARM L-EWWEL KAPPILLAN TAL-PARROĊĊA TAGĦNA



W. Rev. P. Majjistru Ġwann Battista Azzopardi, Karmelitan.
Nikola Azzopardi twieled il-Mosta fit-12 ta' Ġunju 1878. Huwa ħa l-vestizzjoni nhar it-8 ta' Settembru 1894, ipprofessa fis-17 ta' Settembru 1895. P. Ġwann ġie ordnat saċerdot nhar il-21 ta' Diċembru 1901. Sa mill-1914 huwa kien jgħallem il-Latin u l-filosofija u t-teoloġija lill-istudenti Karmelitani fil-Kulleġġ San Ċirillu, San Ġiljan. Fl-1926 huwa kiseb il-maġisteru ta' l-Ordni. Huwa għamel żmien twil surmast u għalliem ta' l-istudenti u fl-1918 ġie maħtur l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa tagħna ta' Santa Venera.Aktar tard huwa laħaq Definitur u wkoll Provinċjal, ufficċju li dam iżomm għal għaxar snin. Huwa kien ukoll Vigarju Provinċjal. Huwa għadda l-aħħar żmien ta' ħajtu fil-kunvent ta' San Ġiljan u miet nhar it-13 t' Awissu 1943.

Ħajr: P. Joe Saliba O. Carm.